- *Test tad-DNA ordnat mill-Qorti ma jiksirx Art. 8 tal-Konvenzjoni*

*-Art 32 Kost hu dikjaratorju u mhux enforzabbli*

*- rikors kostituzzjonali frivolu u vessatorju*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## (Sede Kostituzzjonali)

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 2 ta' Diċembru 2021.**

**Rikors Nru. 320/2020 GM**

**Loraine Attard (K.1. 7876G) f'isimha proprju u kif ukoll għan-nom u in rappresentanza ta' bintha minuri Maya Carmie Christie Attard.**

**Vs**

**L-Avukat tal-Istat u d-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali (Għawdex), korrezzjoni kif indikat fid-digriet mogħti fis-26 ta' Jannar 2021;**

**Peter Vella kjamat in kawża skont digriet tas-26 ta' Jannar 2021;**

**u b' digriet tas-16 ta' Frar 2021 ġie kjamat in kawża l-kuratur tal-minuri Dr Mario Scerri.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' Loraine Attard (K.I. 7876G) f' isimha proprju u kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza ta' bintha minuri Maya Carmie Christie Attard li permezz tiegħu wara li ppremettiet illi :

> Dawn il-proċeduri qegħdin jiġu ntavolati in segwitu għall-ordni magħmula nhar il-11 ta' Diċembru 2020 mill-Qorti tal-Maġistrati Għawdex (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni tal-Familja) fil-proċeduri fl-ismijiet Vella Peter v. Attard Loraine et. bin-nunrru 11/2019, permezz ta' liema dik il-Qorti rriservat sabiex fuq talba tar-rikorrenti Peter Vella, taħtar espert sabiex isiru l-eżamijiet xjentifiċi meħtieġa sabiex tiġi stabbilita l-paternita` tal-minuri Maya Attard;
>
> **Premessi**
>
> Peress illi preżenzjalment hemm pendenti quddiem il-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati Għawdex (Gurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni tal-Familja) proċeduri fl-ismijiet Vella Peter v. Attard Loraine et, liema proċeduri jġibu n-numru ħdax tas-sena elfejn u dsatax;
>
> Peress illi l-imsemmija proċeduri huma proċeduri ta' filjazzjoni, u li għalhekk perrnezz tagħhom l-attur Peter Vella qiegħed jitlob li huwa jiġi dikjarat bħala Ii huwa l-missier naturali tal-minuri Maya Attard;
>
> Peress illi Peter Vella qiegħed isejjes t-talbiet tiegħu fuq l-Artikoli tal-Liġi Ii jirrigwardaw il-filjazzjoni ta' wlied imwielda barra ż-żwieġ, u senjatament ai termini tal-Artikolu 86 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, dan kif del resto jirriżulta mill-atti ta' dik il-proċedura u senjatament mir-rikors promutur minnu ntavolat kontra l-esponenti;
>
> Peress illi l-minuri Maya Attard twieldet nhar il-ħamsa u għoxrin (25) jum tax-xahar ta' Awwissu tas-sena elfejn u tnax (2012), u dan kif jirriżulta miċ-ċertifikat tat-twelid tal-istess minuri li kopja tiegħu tifforma parti mill-att tal-proċeduri msemmija;

Peress illi l-minuri Maya Attard ġiet imnissla u twieldet fiż-żwieġ li dakinhar kien għadu jeżisti bejn omm il-minuri, u ċioe` r-rikorrenti Loraine Attard, u żewgha Francis Saliba, f'liema żmien madanakollu bejn il-miżżewġin kienu għaddejin proċeduri ta' separazzjoni;

Peress illi l-minuri Maya Attard ġiet imnissla u twieldet fiż-żwieġ, l-imsemmi Francis Saliba ġie reġistrat mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bħala missier il-minuri u għalhekk il-minuri kienet magħrufa bil-kunjom Saliba, u dan kif jirriżulta miċ-ċertifikat tat-twelid tal-istess minuri li kopja tiegħu jifforma parti mill-att tal-proċeduri msemmija;

Peress illi b'sentenza tat-3 ta' Lulju 2013 fl-ismijiet Francis Saliba v. Loraine Attard noe., il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni tal-Familja), ordnat it-tħassir minn fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tal-imsemmija minuri Maya Carmie Christie ta' isem 'Francis Saliba' u ordnat li jitniżżel in sostituzzjoni l-kliem "missier mhux magħruf";

Peress illi dan kollu jirriżulta mill-att tat-twelid ta' Maya Attard li kopja tiegħu qiegħda tiġi annessa u mmarkata Dok. A;

Peress illi għat-talbiet ta' Peter Vella fil-proċeduri surriferiti, l-esponenti eċċepit inter alia kif isegwi : "Illi fit-tieni lok ai termini tal-Artikolu 77C, din il-kawża ma tistax tirnexxi stante illi ma saritx fit-termini ta' sitt (6) xhur mit-twelid tat-tarbija, kif tistipula l-liġi";

Peress illi permezz ta' sentenza parzjali tal-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni tal-Familja) tat-23 ta' Novembru 2020, l-eċċezzjoni msemmija ġiet minn dik il-Qorti miċħuda;

Peress illi dik l-Onorabbli Qorti ddikjarat, u dan kif jirriżulta b'mod ampju mill-istess sentenza parzjali, illi hija kienet qiegħda tqis din l-eċċezzjoni bħala nfondata fid-dritt *"peress li t-terminu msemmi f'din l-eċċezzjoni ma japplikax f'każijiet delinjati fl-**artiklu 86 tal-Kapitolu 76 tal-Liġijiet ta' Malta li huwa l-bażi ta' din l-azzjoni odjerna**"*; (enfasi miżjuda).

Peress illi l-esponenti Loraine Attard ħasset ruħha aggravata b'dik is-sentenza u fl-istess seduta tat-23 ta’ Novembru 2020 talbet l-awtorizzazzjoni ai termini tal-Artikolu 231 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex tressaq appell mill-istess sentenza parzjali;

Peress illi fl-istess seduta, l-esponenti Loraine Attard ġiet diretta sabiex tintavola rikors għall-awtorizzazzjoni meħtieġa liema rikors ġie ntavolat nhar is-26 ta' Novembru 2020 u tħalla għat-trattazzjoni għall-udjenza tas-7 ta' Diċembru 2020;

Peress illi fis-seduta tal-11 ta' Diċembru 2020, it-talba tal-esponenti Loraine Attard ġiet miċħuda, u ġie ordnat kif isegwi :

*Dr Joseph Grech talab li jinħatar espert tad-DNA sabiex jieħu s-samples neċessarji mingħand il-missier u mingħand il-bint bil-għan illi jsir it-test xjentifiku tad-DNA u qiegħed jissuġġerixxi li jinħatar Robert Cardona għal dan l-inkarigu.*

*Dr Mario Scerri u Dr Joseph Attard jirrimettu rwiehom.*

*Il-Qorti qiegħda tordna komunika ta' dan il-verbal lil Dr Angele Formosa sabiex tieħu konjizzjoni tiegħu u permezz ta' nota li għandha tiġi preżentata fi żmien ħmistax tindika jekk għandhiex oġġezzjoni li jinħatar Robert Cardona għal dan l-inkarigu u f'każ ta' oġġezzjoni tindika hi stess espert li għandu jinħatar għal dan l-inkarigu.*

*Il-Qorti qiegħda minn issa li tipprovdi dwar l-inkarigu, b'mod kamerali u wara li jiddekkorru l-ħmistax-il ġurnata, liema ħmistax-il ġurnata qed jiġu meqjusa bħala terminu perentorju u li għandu jiġi osservat stante li fin-nuqqas il-Qorti xorta waħda sejra biex tgħaddi għad-digriet dwar il-ħatra."*

Peress illi l-kuratur deputat maħtur sabiex jirrappreżenta l-interessi kollha tal-minuri Maya Attard, u ċioe` l-Avukat Dr Mario Scerri, naqas milli josserva r-raġuni tal-ħatra tiegħu u ċioe` dak li f'dawk il-proċeduri jirrappreżenta l-interessi tal-minuri Maya Attard, mhux inqas b'rappreżentazzjonijiet ħżiena ta' fatti u b'nuqqas ta' oppożizzjoni fejn mistenni;

Peress illi l-esponenti, kif f' isimha proprju u kif ukoll għan-nom u fl-interess tal-minuri Maya Attard, tqis li l-ordni li saret jew li tista' ssir hija leżiva tad-dritt fundamentali tagħha u kif ukoll tad-dritt fundamentali tal-minuri Maya Attard kif imħarsa bis-saħħa tal-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u taI-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali, u dan peress illi l-istess eżamijiet xjentifiċi ser jiġu ordnati li jsiru fi proċeduri li huma predestinati li jfallu;

Peress illi fil-fehma tal-esponenti, il-proċeduri ntavolati minn Peter Vella fil-konfront tal-esponenti huma destinati li jfallu in kwantu ġew magħmula ai termini tal-Artikolu 86 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioe` dawk id-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw il-filjazzjoni ta’ tfal mitwielda barra miż-żwieġ, talbet għalhekk illi dik il-Qorti fil-ġudizzju aħħari tagħha ser tkun kostretta li tiċħad;

Peress illi hija ġurisprudenza stabbilita illi t-teħid ta' kampjuni u l-esekuzzjoni ta' eżamijiet xjentifiċi bħal dawk ordnati jew li ser jiġu ordnati li jittieħdu mill-Qorti huwa meqjus li jikkostitwixxi indħil tad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u għalhekk illi l-indħil minn awtorita` pubblika għandu jsir biss skont il-liġi għal wieħed jew iktar mill-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 8;

Peress illi jirriżulta prima facie mill-provi ġia akkwiżiti illi l-ordni magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)(Ġurisdizzjoni Superjurl)(Sezzjoni Familja) mhijiex ordni li setgħet issir skont il-liġi viġenti u applikabbli fir-rigward ta' minuri mnissla u mwielda fil-żwieġ u in kwantu ma tikkostitwix ordni skont il-liġi tikkostitwixxi indħil minn awtorita' pubblika li jmur kontra d-dettami tal-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni;

Peress inoltre illi n-nuqqas tal-kuratur deputat li jirrappreżenta fedelment u onestament l-interessi tal-minuri fi proċeduri intavolati kontra tagħha jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 6 tad-dritt ta' smigħ xieraq;

Talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Tagħti miżura interim ("interim measure") billi tordna s-soprasessjoni tal-proċeduri fl-ismijiet Vella Peter v Loraine Attard et. bin-numru 11/09 li qegħdin jinstemgħu quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)(Ġurisdizzjoni Superjuri)(Sezzjoni tal-Familja) pendenti l-eżitu ta' dawn il-proċeduri;

2. Tagħti miżura interim ("interim measure") billi minn issa tordna s-sospensjoni tal-ordni u oħrajn li jistgħu jingħataw mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri)(Sezzjoni tal-Familja) fil-proċeduri fI-ismijiet Vella Peter v Loraine Attard et. bin-numru 11/09

u li permezz tagħhom ġie jew jista' jiġi ordnat it-teħid ta' kampjuni u/jew l-esekuzzjoni ta' eżamijiet xjentifiċi;

3. Tiddikjara li għar-raġunijiet hawn premessi, id-dritt fundamentali tar-rikorrenti u/jew min minnhom għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja hekk kif protett bis-saħħa tal-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ġie jew ser jiġi miksur;

4. Tiddikjara li għar-raġunijiet hawn premessi, id-dritt fundamentali tar-rikorrenti Maya Attard għal smigħ xieraq kif protett bis-saħħa tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ġie jew ser jiġi miksur;

5. Tillikwida kumpens għall-ksur hekk stabbilit;

6. Tikkundana lill-intimati jew min minnhom iħallasu lir-rikorrenti jew min minnhom il-kumpens hekk stabbilit;

7. Tagħti kull provvediment ieħor li jidhrilha xieraq u opportun sabiex ir-rikorrenti jiġu reintegrati fil-pożizzjoni li kienu fiħ qabel ma seħħet il-vjolazzjoni;

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali li permezz tagħha eċċepixxa illi :

1. Qabel xejn billi r-rikorrenti qegħdin f'din il-kawża jitolbu fost ħwejjeġ oħra li din l-Onorabbli Qorti tintervjeni u tagħti xi deċiżjonijiet li jistgħu jolqtu l-proċeduri ċivili bin-numru 11/2019, fejn hemm involuti wkoll Peter Vella u l-Kuratur l-Avukat Mario Scerri, allura jinħass xieraq għall-għanijiet ta' integrita` ta' ġudizzju li dawn il-persuni jkunu parti huma wkoll f'din il-kawża;

   Hekk pereżempju b'rabta mal-ewwel żewġ talbiet, ir-rikorrenti ma jistgħux jippretendu li din l-Onorabbli Qorti tordna s-sospensjoni tal-kawża 11/2019, mingħajr ma qabel jinvolvu lil Peter Vella u lill-Kuratur l-Avukat Mario Scerri fil-kawża kostituzzjonali. Li kieku din l-Onorabbli Qorti kellha tilqa' din it-talba hija tkun qiegħda tikser il-jedd ta' smigħ xieraq ta' Peter Vella u tal-Kuratur l-Avukat Mario Scerri

għaliex hija tkun tat ordni fuq kawża tagħhom mingħajr ma semgħethom qabel, jiġifieri audi unam partem flok audi alteram partem. Dwar dan is-suġġett ara s-sentenza Grace Spiteri vs. L-Avukat Ġenerali maqtugħa mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' April 2018, fejn sentenza ġiet imħassra minħabba li fil-proċeduri kostituzzjonali ma ġewx imħarrka l-individwi privati li kienu parti fil-kawża ċivili li dwarha nibtet il-kwestjoni kostituzzjonali;

Tassew mill-perspettiva tal-artikolu 237 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa fl-interess tar-rikorrenti stess li jdaħħlu lil Peter Vella u lill-Kuratur Deputat l-Avukat Mario Scerri f'din il-kawża, jekk huma jridu li s-sentenza f'din il-kawża tiġi torbot u tgħodd għalihom ukoll;

2. Fuq l-ewwel żewġ talbiet tar-rikorrenti, l-esponent minnufiħ jgħid li fil-każ preżenti ma hemmx raġunijiet tajba għaliex għandhom jinħarġu miżuri temporanji taħt l-artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

lbda biex, bħala prinċipju ta' dritt, l-għoti tar-rimedju proviżorju m'għandux ikun ir-regola kull meta jkun hemm xilja ta' ksur tal-jeddijiet fundamentali tal-bniedem, tkun xi tkun. Hemm qbil fil-ġurisprudenza tagħna li biex jingħata rimedju bħal dan jeħtieġ illi jintwera li hemm riskju imminenti u reali fuq il-persuna li tkun qed titolbu (ara inter alia Edward Cassar vs. Avukat Ġenerali et maqtugħa mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Frar 2016 u Anġelo Frank Paul Spiteri vs. L-Avukat Ġenerali deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fid-9 ta' Jannar 2017).

Hekk perezempju fid-deċiżjonijiet Joseph Camilleri vs. Avukat Ġenerali deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-1 ta' Lulju 2013 u Rosario sive Sario Suttana vs. Avukat Ġenerali et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Frar 2017, il-Qorti Kostituzzjonali ma tatx rimedju proviżorju biex ġuri kriminali jiġi sospiż sakemm tinqata' t-tilwima kostituzzjonali. Ta' min isemmi wkoll id-deċiżjoni Federation of Estate Agents vs. Direttur Ġenerali [Kompetizzjoni) et deċiża fil-25 ta' Settembru 2014 fejn il-Qorti Kostituzzjonali ma tatx rimedju proviżorju biex pendenti l-kawża kostituzzjonali jiġu mwaqqfa proċeduri dwar ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni fejn setgħu jiġu imposti multi amministrattivi b'valur għoli ħafna;

L-istess ġara fid-deċiżjoni Stephen Nana Owusu vs. Kummissariu tal-Pulizija bħala Uffiċjal Prinċipali tal-lmmigrazzjoni et mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 t'April 2018, fejn l-ogħla Qorti Maltija ma laqgħetx talba għal miżura temporanja marbuta mas-sospensjoni ta' ordni ta' tneħħija minħabba li dik il-qorti dehrilha li r-rikorrent ma ressaq l-ebda xrara ta' prova lanqas mad-daqqa t'għajn li huwa kien sejjer iġarrab xi preġudizzju jekk kemm-il darba kellu jintbagħat lura ġewwa l-Għana, il-pajjiz tan-nisel tiegħu;

F'deċizzjonijiet oħrajn bħal Daniel Alexander Holmes vs. Avukat Ġenerali et mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede. Kostituzzjonali) fis-16 ta' April 2014), Trevor Bonnici vs. L-Avukat Ġenerali mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fit-30 ta' Mejju 2016 u Raymond Mifsud vs. L-Avukat Generali et mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fis-7 ta' Awwissu 2017, talbiet għal miżuri proviżorji relatati ma' skarċerażżjoni mill-habs sakemm jinqatgħu l-kawżi kostituzzjonali wkoll ma ġewx milqugħa għaliex ma tqisux każijiet straordinarji;

Bil-ħniena hemm bżonn illi jingħad, meta wieħed iqis dawn id-deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna, joħroġ ċar li fil-każ tal-lum m'hemmx ċirkostanżi daqshekk gravi li jxaqilbu favur il-ħruġ ta' miżura proviżorja. Dan għaliex fil-każ tagħna m'hemmx kwestjonijiet urġenti jew straordinarji bħal theddid fuq il-ħajja jew l-inkolumita` fiżika tal-persuna;

Biex wieħed ipoġġiha b'mod aktar ċar jekk talbiet serji għar-rimedji proviżorji ġew miċħuda bħal biex persuna tiġi skarċerata mill-ħabs jew biex ġuri kriminali jiġi sospiż jew biex bniedem ma jiġix mibgħut lura f'pajjiżu, kemm aktar allura għandha tiġi miċħuda t-talba 'inqas gravi' tar-rikorrenti fejn qegħdin jitolbu li tiġi sospiża kawża dwar filjazzjoni;

F'dawn iċ-ċirkostanżi kollha għalhekk l-esponent ma jara l-ebda raġuni tajba li għandha twassal lil din l-Onorabbli Qorti biex tagħti r-rimedju provviżorju li qed jitolbu għalihom ir-rikorrenti. L-ewwel żewġ talbiet tar-rikorrenti għalhekk għandhom jiġi miċħuda;

3. llli b'rabta mat-tielet talba, jissokta jingħad li r-rikorrenti ma jistgħux iqanqlu favur tagħhom l-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta' Malta għaliex

skont l-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, dan mhuwiex wieħed minn dawk l-artikoli li jagħti dritt ta' azzjoni quddiem qorti b'setgħat kostituzzjonali, b' rabta mal-ħarsien tal-jeddijiet fundamentali tal-bniedem;

4. llli safejn l-ilment tar-rikorrenti jinsab mibni fuq l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea, dan ukoll ma jistax jintlaqa'. Kemm hu hekk, illum għandna ġurisprudenza ċara ħafna, kemm tal-Qorti Kostituzzjonali u kif ukoll tal-Qorti Ewropea Għad-Drittijiet tal-Bniedem, li tgħid li ordnijiet ġudizzjarji sabiex persuna toqgħod għal eżami ġenetiku f'azzjonijiet ta' paternita` huma ġustifikati skont l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea (ara Diana Abdilla vs. Francesco Saverio sive Frank Mifsud et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' Ġunju 2015 u Francesco Saverio Mifsud vs. Malta deċiża mill-Qorti Ewropea Għad-Drittijiet tal-Bniedem fid-29 ta' Jannar 2019);

5. B'żieda ma' dan, l-argument tar-rikorrenti li Peter Vella ma jistax jirnexxi fl-azzjoni ta' paternita` li huwa ressaq fil-kawża 11/09, ma jistax jiġi deċiż minn din l-Onorabbli Qorti, għaliex kwestjoni bħal din taqa' fil-kompetenza tal-qrati ordinarji. F'kull każ, l-argument tar-rikorrenti li Peter Vella ma jistax jirnexxi fl-azzjoni tiegħu taħt l-artikolu 86 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta huwa x'aktax fieragħ. lbda biex, ir-rikorrenti stess jistqarru fir-rikors kostituzzjonali tagħhom li hemm sentenza finali tat-3 ta' Lulju 2013 li tgħid li Maya Attard ma ġietx imnissla minn kopja miżżewġa. Barra minn hekk, ladarba l-verżjoni preżenti taċ-ċertifikat tat-twelid ta' Maya Attard juri li hija bint ta' missier mhux magħruf allura huwa bil-wisq ovvju li Peter Vella jista' jressaq azzjoni taħt l-artikolu 86 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex huwa jiġi ddikjarat bħala l-missier naturali ta' Maya;

   It-tielet talba tar-rikorrenti għalhekk għandha tiġi miċħuda kollha kemm hi;

6. Dwar ir-raba' talba tar-rikorrenti, l-esponent ma jarax kif il-jedd ta' smigħ xieraq ta' Maya Attard ġie mxellef għar-raġuni biss li l-Kuratur Deputat Dr. Mario Scerri ma oġġezzjonax għat-talba tal-avukat ta' Peter Vella sabiex isiru eżamijiet ġenetiċi fuq il-persuna ta' Maya Attard;

ll-kunċett kollu ta' smigħ xieraq ma jdurx mal-interpretazzjoni tal-liġi sostantiva jew mal-prinċipji tal-ermenewtika legali iżda huwa mixħut esklussivament fuq il-'procedural fairness' ta' kawża. Billi għalhekk l-ilment tar-rikorrenti mhuwiex marbut ma' xi nuqqas proċedurali, dan l-ilment għandu jiġi miċħud ukoll;

lmma anke kieku stess, imbilli l-pożizzjoni meħuda mill-kuratur ma taqbilx mal-pożizzjoni tal-omm ma jfissix b'daqshekk li allura l-minuri mhuwiex qiegħed ikollha aċċess għal assistenza legali tajba. F'kull każ, fil-fehma tal-esponent, il-kuratur għamel sew li ma oġġezzjonax għat-talba biex jinżammu l-eżamijiet ġenetiċi għaliex huwa fl-interess tat-tifla illi hija tkun taf jekk Peter Vella huwiex tassew il-missier naturali tagħha, kif hekk qed jallega fil-kawża tiegħu;

Anke din it-talba għalhekk mhijiex waħda mistħoqqa;

7. Fl-aħħarnett ladarba l-ewwel erba' talbiet tar-rikors kostituzzjonali, ma jistgħux jintlaqgħu, ma jistgħux jintlaqgħu wkoll il-ħames, is-sitt u s-seba' talba dwar ir-rimedju li għandhom jingħataw;

   Għaldaqstant fid-dawl ta' dawn ir-raġunijiet, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tagħhom;

Rat ir-Risposta Direttur Qrati Civili u Tribunali li permezz tagħha eċċepixxa illi:

1. L-eċċipjenti Direttur Qrati Ċivili u Tribunali m'huwiex il-leġittimu kontradittur għal-lanjanza attriċi. Jiġi rilevat li hawn si tratta ta' proċeduri li qed jinstemgħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati Għawdex (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni tal-Familja) u l-esponenti ma jweġibx għall-operat tar-Reġistratur ta' Għawdex. Għalhekk l-esponenti għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti;

2. L-esponenti jissottometti illi huwa mhux il-leġittimu kontradittur ukoll għaliex f'dan il-każ ir-rikorrenti bl-ebda mod ma hu qed jattribwixxu l-allegat ksur tad-dritt fundamentali tagħhom għal xi nuqqas min-naħa tal-

esponenti u għalhekk anke minn dan il-lat, it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-esponenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

3. L-esponenti jagħmel riferenza għas-sentenza fl-ismijiet George Xuereb vs Reġistratur tal-Qrati et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta' Novembru, 2004 fejn intqal :

*'Hu ben soput li l-Gudikatura hija organu indipendenti mill-Eżekuttiv u ma taqa' taħt l-ebda dipartiment governattiv, u hu f'dan is-sens mela li jekk id-dewmien lamentat mir-rikorrent huwa attribwibli għall-operat tal-Qorti, allura ir-Reġistratur tal-Qorti, li hu biss inkarigat mill-amministrazzjoni tal-Qorti u mhux ukoll mill-operat tal-Ġudikant, ma jistax hawn hekk ikun leġittimu kontradittur.'*

4. L-esponent ma kellu ebda kontroll fuq il-proċeduri partikolari u lanqas ma kien involut fil-materja u għalhekk zgur li l-lanjanzi tar-rikorrent mhux tort tal-esponenti li lanqas biss kien parti fil-proċeduri.

5. F'dan il-kuntest l-esponenti jagħmel riferenza għas-sentenza fl-ismijiet Mark Lombardo et vs Kunsill Lokali Fgura deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Ottubru, 2005 fejn ġie ritenut:

*'Kwantu għall-appellat Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali ma jidhirx li jista' jkun hemm l-iċken dubju li dan ma hux il-leġittimu kontradittur f'din il-kawża. Ir-Reġistratur ma jirrappreżentax lill-Qrati li l-operat tagħhom ġie attakkat bir-rikors promotorju - anzi, bil-kontra, huwa jieħu l-ordnijiet mingħandhom skont il-liġi - u hu ma hux f'pożizzjoni li jagħti rimediu effettiv kieku stess din il-Qorti kellha ssib x'tiċċensura fuq il-livell kostituzzjonali fl-operat ta' dawk il-Qrati.*

6. In oltre ssir riferenza għas-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) datata 12 ta' Marzu tas-sena 2015 fl-ismijiet Dr Joseph Zammit Tabona et vs Direttur Ġenerali Qrati et;

7. Bla preġudizzju għas-suespost jiġi eċċepit ukoll illi l-azzjoni odjerna hi intempestiva stante li r-rikorrenti ma eżawrietx ir-rimedji ordinarji disponibbli għaliha skont il-liġi u għalhekk din l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors promotur odjern.

8. Fil-meritu l-eċċipjenti jirrileva illi t-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tiegħu huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda in toto.

Rat ir-Risposta tal-kjamat fil-proceduri Peter Vella KI 156679M li permezz tagħha eċċepixxa illi :

1. Ir-rikorrenti ma eżawrietx il-proċeduri kolllha a dispożizzjoni tagħha fil-kawża li hemm pendenti quddiem il-Qorti tal-Familja, f'Għawdex bejnha u bejn l-esponenti u għalhekk f'dana l-istadju ċertarnent li l-proċeduri odjerni huma improponibbli;

2. Fil-rnertu, bil-mod ta' kif qed jiġu kondotti l-proċeduri fl-imsemmija kawża [liema proċeduri ġew allegati mal-proċeduri odjerni] ċertament li r-rikorrenti fil-kawża ma sofriet minn ebda leżjoni ta' dritt kif hija qed tallega u għalhekk it-talbiet kollha għandhom jiġu miċħuda;

3. Jirriżulta li l-kawża odjerna, bid-dovut rispett mhux biss ma' tindirizza ebda leżjoni ta' dritt sempliċiment għaliex ma saritx leżjoni ta' dritt, iżda l-eżerċizzju li qed tittanta tagħmel ir-rikorrenti huwa li toħloq Qorti/forum tat-tielet grad u dana għaliex sempliċiment ma qablitx ma' digriet mogħti mill-Qorti tal-Familja u għalhekk fil-proċeduri odjerni hija qed tittanta tottjeni rimedju Kostituzzjonali fuq allegat dritt ineżistenti;

4. Di piu`, u dana kif jirriżulta mill-provi fl-atti tal-proċess allegat mal-kawża odjerna, l-minuri trabbiet u għexet mal-esponenti għal snin sħaħ u għalhekk ċertament li l-fatt li l-istess esponenti jiġi issa iskritt bħala l-missier naturali tal-imsemmija minuri ma għandu jwassal għal ebda leżjoni ta' dritt kostituzzjonali kif qed tallega r-rikorrenti;

5. Illi konsegwentement, it-talba għall-ħruġ ta' interim measure, għandha tiġi miċħuda u dana għaliex ma jeżistux ċirkostanzi li jiġġustifikaw il-ħruġ ta' interim measure, anqas temporanja;

6. Ir-rikorrenti anqas ma għandha prima facie dritt u għalhekk per konsegwenza t-talba għall-ħruġ ta' interim measure għandha tiġi miċħuda;

7. Isegwi għalhekk ukoll, li l-istess rikorrenti ma hija ser issofri ebda ħsara irriperabbli jekk ma jkunx hemm il-ħruġ ta' interim measure f'dana l-istadju u għalhekk anke minħabba f'dina r-raġuni t-talba għandha tiġi miċħuda;

8. Finalment, il-proċeduri odjerni huma akkademikament ottużi u nefasti għall-aħħar u saru biss bl-uniku skop li jtawlu inutilment il-proċess tal-kawża tal-paternita` istitwita minn l-esponenti.

Ikkunsidrat:

**Fatti:**

1. Il-minuri Maya Attard twieldet fil-25 ta' Awwissu 2012 waqt iż-żwieġ bejn Francis Saliba u r-rikorrenti Loraine Attard. Dakinhar l-imsemmija Francis Saliba u Loraine Attard kienu diġa' separati *de facto* minn ma' xulxin. Fis-sena 2013, l-istess Francis Saliba fetaħ proċeduri fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fejn huwa talab dikjarazzjoni li l-minuri Maya Attard mhijiex il-wild naturali tiegħu u konsegwentement talab ukoll it-tħassir ta' ismu minn fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tal-istess minuri;

2. Loraine Attard ammettiet it-talbiet ta' Francis Saliba f'dik il-kawża u b'konsegwenza ta' dan, fit-3 ta' Lulju 2013 il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) laqgħet it-talbiet tiegħu (ara s-sentenza bir-rikors numru 4/2013, fl-ismijiet **Francis Saliba vs Loraine Attard et**). B'hekk ismu ġie mħassar minn fuq iċ-ċertifikat tat-twelid ta' Maya Attard u għalhekk fil-kolonna f'dan iċ-ċertifikat li tirreferi għall-isem u l-kunjom tal-missier, fil-ġurnata preżenti hemm imniżżel il-kliem "missier mhux magħruf";

3. Fil-5 ta' Ġunju 2019, Peter Vella fetaħ kawża fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) kontra Loraine Attard u l-minuri Maya Attard fejn huwa allega li huwa kellu relazzjoni intima ma' Loraine Attard li minnha twieldet l-imsemmija Maya Attard. Għalhekk huwa talab li jiġi dikjarat bħala l-missier naturali ta' Maya Attard u kif ukoll talab li jsiru l-korrezzjonijiet neċessarji fiċ-ċertifikat tat-twelid ta' Maya Attard sabiex jiġi rifless dan il-fatt;

4. Fir-rikors promotur tiegħu Peter Vella spjega li qabel ma fetaħ il-kawża huwa kien bagħat ittra uffiċjali magħmula skont l-artikolu 86 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta lil Loraine Attard sabiex huwa jagħraf lil Maya Attard bħala bintu. Skont l-istess Peter Vella, Loraine Attard kienet irrispondiet għal din l-ittra billi aċċettat l-istat ta' filjazzjoni tal-minuri kif allegat minnu. Madankollu, peress li fl-ittra li bagħat Peter Vella kien sar żball fin-numru tal-att tat-twelid ta' Maya Attard, l-annotazzjoni fl-istess att ma setgħetx issir. Dan il-fatt ġie wkoll ikkonfermat mill-avukat difensur tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku waqt l-udjenza tas-7 ta' Diċembru 2020 fl-atti tal-kawża bir-rikors numru 11/2019 SG, fl-ismijiet **Peter Vella vs Loraine Attard et**;

5. Fuq talba ta' Peter Vella, fil-5 ta' Lulju 2019 il-Qorti tal-Maġistrati ħatret lill-Avukat Jean Paul Grech bħala kuratur sabiex jirrappreżenta l-interessi kollha tal-minuri Maya Attard fil-kawża ta' filjazzjoni. Imbagħad permezz ta' digriet sussegwenti mogħti fil-11 ta' Settembru 2019, l-Avukat Jean Paul Grech ġie sostitwit mill-Avukat Mario Scerri fl-inkarigu tiegħu ta' kuratur *ad litem* tal-minuri;

6. Waqt l-udjenza tal-11 ta' Marzu 2020 fil-kawża ta' filjazzjoni miftuħa minn Peter Vella, l-avukat difensur tal-istess Peter Vella rrileva li l-Avukat Mario Scerri kien irrisponda għall-ittra uffiċjali li saret minn Peter Vella fil-konfront tal-minuri Maya Attard. Minkejja dan, id-difensuri kollha tal-

partijiet f'dak l-istadju ddikjaraw li huma ma kellhomx oġġezzjoni li l-Avukat Mario Scerri jibqa' jaġixxi bħala kuratur tal-minuri f'dik il-kawża;

7. Imbagħad, fl-20 ta' Ottubru 2020 ingħatat sentenzja parzjali mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fejn din tal-aħħar ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni ta' Loraine Attard li l-kawża hija monka u nulla u ordnat li ssir il-korrezzjoni tan-nomenklatura ta' dik l-istess Qorti kull fejn din kienet ġiet imniżżla ħażin;

8. Fit-23 ta' Novembru 2020 ingħatat sentenza parzjali oħra mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), din id-darba fir-rigward tat-tieni eċċezzjoni ta' Loraine Attard fejn din tal-aħħar eċċepiet li skont l-artikolu 77Ċ tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, il-kawża ta' filjazzjoni ma setgħetx tirnexxi peress li ma kinitx saret fit-terminu ta' sitt xhur mit-twelid tal-minuri. Il-Qorti ċaħdet ukoll din l-eċċezzjoni peress li fil-fehma tagħha l-imsemmi terminu ta' sitt xhur ma japplikax għall-każijiet imsemmija fl-artikolu 86 tal-Kapitolu 16, li fuqu ġiet imsejsa l-kawża ta' filjazzjoni;

9. Sussegwentement, permezz ta' rikors datat 26 ta' Novembru 2020, Loraine Attard talbet lill-Qorti tal-Maġistrati tawtorizzaha tressaq appell mis-sentenza tat-23 ta' Novembru 2020. Din it-talba ġiet miċħuda permezz ta' digriet mogħti fil-11 ta' Diċembru 2020;

10. Waqt l-udjenza tal-11 ta' Diċembru 2020, l-avukat difensur ta' Peter Vella talab lill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) taħtar espert biex jeleva l-kampjuni mingħand Peter Vella u Maya Attard sabiex isir it-test xjentifiku tad-DNA. Loraine Attard opponiet għal din il-ħatra permezz ta' nota tal-24 ta' Diċembru 2020 fejn hija saħqet li tali ħatra kienet sejra tkun leżiva tad-drittijiet fundamentali tagħha u tal-minuri Maya Attard, u dan fid-dawl

tal-fatt li l-proċeduri ta' filjazzjoni kienu ġew ibbażati fuq artikoli żbaljati tal-liġi;

11. Imbagħad fid-29 ta' Diċembru 2020, Loraine Attard, f'isimha proprju u kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza tal-minuri Maya Attard, fetħet il-kawża tal-lum;

12. B'digriet tad-29 ta' Diċembru 2020, din l-Onorabbli Qorti appuntat ir-rikors kostituzzjonali għas-smigħ u laqgħet proviżorjament, u ċioe', sal-ewwel seduta tas-26 ta' Jannar 2021, l-ewwel żewġ talbiet ta' Loraine Attard għall-ħruġ ta' miżuri provviżorji. Dawn il-miżuri provviżorji kienu jinkludu s-soprasezzjoni tal-kawża ta' filjazzjoni li kienet qiegħda tinstema' quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) u s-sospensjoni ta' ordnijiet li setgħu jingħataw mill-istess Qorti sabiex jittieħdu l-kampjuni u jiġi eżegwit it-test tad-DNA;

13. Ġara li dan id-digriet ma ġiex miġjub għall-attenzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) tempestivament u b'konsegwenza t'hekk, b'digriet tas-7 ta' Jannar 2021, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) għaddhiet biex taħtar lil Marisa Cassar bħala espert tad-DNA sabiex tieħu l-kampjuni mingħand Peter Vella u Maya Attard bil-għan li jsir it-test xjentifiku tad-DNA;

14. Id-digriet mogħti minn din l-Onorabbli Qorti fid-29 ta' Diċembru 2020 nġab biss a konjizzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) waqt l-udjenza tat-12 ta' Jannar 2021. Għalhekk, f'dak l-istadju l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) irrevokat *contrario imperio* id-digriet tagħha tas-7 ta' Jannar 2021 li permezz tiegħu hija ħatret lil Marisa Cassar bħala espert tagħha. B'hekk, minn dakinhar 'il quddiem, tenut kont tal-proċeduri kostituzzjonali li nediet Loraine Attard, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

baqgħet tiddifferixxi l-kawża li hemm pendenti quddiemha għal informazzjoni ulterjuri;

15. Lura għall-kawża kostituzzjonali li għandna quddiem illum, jirriżulta li waqt l-udjenza tas-26 ta' Jannar 2021 din l-Onorabbli Qorti ordnat li jiġi kjamat in kawża Peter Vella. Din il-Qorti ordnat ukoll il-korrezzjoni fl-okkju sabiex l-isem tat-tieni konvenut jiġi jaqra "Direttur Qrati Ċivili u Tribunali (Għawdex)" u ordnat in-notifika lilu. Barra minn hekk, din l-Onorabbli ordnat l-allegazzjoni tal-proċess tal-kawża ta' filjazzjoni miftuħa minn Peter Vella li qiegħda pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex);

16. Aktar tard, b'digriet tas-16 ta' Frar 2021, din l-Onorabbli Qorti mbagħad sejħet fil-kawża wkoll il-kuratur tal-minuri, l-Avukat Mario Scerri u tatu terminu sabiex jirrispondi għar-rikors promotur ta' Loraine Attard;

17. Imbagħad, waqt l-udjenza tat-2 ta' Marzu 2021, din il-Qorti ordnat l-estromissjoni mill-kawża kemm tar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili ta' Malta u kif ukoll dik tar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili ta' Għawdex;

18. B'ordni tal-Qorti, fl-aħħar udjenza tas-27 ta' Mejju 2021, din il-kawża tħalliet għan-noti ta' sottomissjonijiet tal-partjiet u eventwalment għas-sentenza;

**<u>L-ilment tar-rikorrenti</u>**

19. L-azzjoni mressqa mir-rikorrenti tolqot is-siwi kostituzzjonali u konvenzjonali tal-ordni li 'l quddiem sejjer jingħata mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni Familja) sabiex

jittieħdu l-kampjuni tad-DNA mingħand Peter Vella u l-minuri Maya Attard bl-intiża li jsir it-test xjentifiku tad-DNA għad-determinazzjoni tal-paternita' tal-istess Maya Attard. Ir-rikorrenti qiegħda tikkontendi li ordni bħal dan jikkostitwixxi f'indħil fil-ħajja privata tagħha u tal-minuri u għalhekk ixellef id-drittijiet tagħhom kif misjuba fl-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 8 tal-Konvenjzoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fondamentali;

20. Barra minn hekk, ir-rikorrenti qiegħda tilmenta wkoll li l-Avukat Mario Scerri, li ġie appuntat bħala kuratur sabiex jirrappreżenta lil minuri Maya Attard fil-kawża ta' filjazzjoni fl-ismijiet **<u>Peter Vella vs Loraine Attard et</u>**, bir-rikors numru 11/2019 SG, naqas milli jwettaq l-inkarigu tiegħu kif kien meħtieġ u mistenni minnu għaliex huwa ma żammx quddiem għajnejh l-aħjar interessi tal-istess minuri. Għalhekk, skont ir-rikorrenti, il-minuri Maya Attard ġiet imċaħħda mid-dritt għal smigħ xieraq, hekk kif protett mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;

21. Bħala rimedju għal dan l-allegat ksur, ir-rikorrenti qiegħda tippretendi:

(i) il-ħruġ ta' miżura provviżorja minn din l-Onorabbli Qorti sabiex din l-istess Qorti tissoprasjedi fuq il-proċeduri ta' filjazzjoni li nbdew quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex);

(ii) il-ħruġ ta' miżura provviżorja sabiex jiġu sospiżi ordnijiet tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) li permezz tagħhom jista' jiġi ordnat it-teħid tal-kampjuni sabiex jiġi mwettaq it-test tad-DNA fuq Peter Vella u Maya Attard;

(iii) li tikseb dikjarazzjoni ġudizzjarja li hija u Maya Attard batew jew sejrin ibatu ksur tal-jeddijiet tagħhom għall-ħajja privata u għall-familja,

kif imħarsa taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

(iv) li tikseb ukoll dikjarazzjoni ġudizzjarja li Maya Attard batiet jew sejra tbati ksur tal-jedd tagħha għal smigħ xieraq kif protett fil-Kostituzzjoni ta' Malta u fil-Konvenzjoni Ewropea;

(v) li hija u Maya Attard għandhom jingħataw kumpens għall-ksur kostituzzjonali u konvenzjonali; u

(vi) li din l-Onorabbli Qorti tagħti l-provvedimenti kollha neċessarji sabiex hija u Maya Attard jiġu mpoġġija fis-sitwazzjoni li kienu qabel ma seħħet l-allegata vjolazzjoni ta' drittijiet fundamentali;

**Il-pożizzjoni tal-Avukat tal-Istat**

22. Illi l-esponent Avukat tal-Istat jifhem li huwa ġie mħarrek f'din il-kawża mhux għaliex il-ksur kostituzzjonali u konvenzjonali lmentat mir-rikorrenti nibet minn xi għemil tiegħu jew minn xi ħadd li jaħdem fl-uffiċċju tiegħu;

23. Mod ieħor, jidher li l-Avukat tal-Istat ġie mħarrek f'din il-kawża minħabba li l-ġurisprudenza Maltija tqis bħala l-leġittimu kontradittur xieraq f'każijiet fejn jitqajjem ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali minħabba operat partikolari ta' qorti, sewwasew lill-Avukat tal-Istat. Ara, b'eżempju s-sentenza fl-ismijiet **George Xuereb vs Reġistratur tal-Qrati et**, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta' Novembru 2004 u s-sentenza fl-ismijiet **Mark Lombardo vs Kunsill Lokali Fgura et**, deċiża wkoll mill-Qorti Kostituzzjonali iżda fis-7 t'Ottubru 2005, fost bosta oħrajn;

24. Għalhekk biex l-esponent iwettaq dmiru huwa sejjer jesprimi l-fehmiet tiegħu dwar l-ilment kostituzzjonali u konvenzjonali mressaq minn Loraine Attard;

**<u>Dwar il-kumment magħmul fil-paġna 2 tan-nota ta' sottomissjonijiet ta' Loraine Attard li Peter Vella ma ġiex kjamat f'din il-kawża kif trid il-liġi</u>**

25. Jingħad immedjatament li Loraine Attard qatt ma lmentat dwar dan matul is-smigħ ta' din il-kawża kostituzzjonali. Fl-aħħar mill-aħħar huwa fl-aħjar interess ta' Loraine Attard li Peter Vella jkun parti minn din il-kawża għaliex huwa kruċjali li din il-kawża kostituzzjonali tkun torbot lilu wkoll;

26. L-esponent jikkonċedi li l-kjamata in kawża ta' Peter Vella f'din il-kawża ma saritx għal kollox kif suppost. L-artikolu 961 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li *"Tista' wkoll terza persuna, b'digriet tal-qorti, f'kull waqt tal-kawża qabel is-sentenza, tiġi msejħa f'kawża miexja bejn partijiet oħra fil-qorti tal-ewwel grad, sew fuq talba ta' waħda mill-partijiet kemm ukoll mingħajr dik it-talba"*;

27. Illi huwa magħruf li biex il-Qorti tilqa' talba għal sejħa fil-kawża ta' terzi jeħtieġ jintwera li jkunu jeżistu l-elementi mitluba mid-duttrina l-iżjed stabilita f'dan ir-rigward. Minn kliem il-liġi, s-sejħa fil-kawża ta' terza persuna waqt li l-kawża tkun miexja bejn partijiet oħrajn tista' tintalab biss meta l-kawża tkun għadha ma tħallietx għas-sentenza u biss fi proċediment li jkun għadu fl-ewwel istanza. Iżda tali sejħa tista' ssir kemm fuq talba ta' xi waħda mill-partijiet u kif ukoll, mingħajr dik it-talba, mill-Qorti nnifisha jekk jidhrilha li huwa xieraq li dan isir;

28. Illi l-prinċipju ewlieni li għandu jitqies huwa li l-imsejjaħ fil-kawża, b'differenza minn dak li jkun indaħal fil-kawża minn rajh *in statu et terminis*, jitqies bħallikieku kien imħarrek u, kif juri l-artikolu 962, bis-sentenza mogħtija f'dik il-kawża jista' jinħeles jew jiġi kundannat daqslikieku l-kawża inħarġet mill-bidunett kontrih (ara d-digriet mogħti mill-

Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) tas-6 ta’ Mejju 2014 fl-ismijiet **Emanuel Camilleri vs Spettur Louise Calleja et**);

29. Għalhekk, teknikament, Peter Vella ma setax jitlob is-sejħa fil-kawża tiegħu nnifsu. Madankollu, l-esponent jirrileva li kieku s-sejħa ta’ Peter Vella fil-kawża ma ntalbitx minnu stess, din is-sejħa kienet sejra eventwalment tintalab mill-Avukat tal-Istat, hekk kif ġie indikat bl-aktar mod ċar fl-ewwel eċċezzjoni tar-risposta kostituzzjonali tiegħu;

30. Wara kollox qiegħed jiġi osservat li la Loraine Attard u lanqas il-minuri ma ġarrbu xi preġudizzju bis-sejħa fil-kawża ta’ Peter Vella. Kif diġa’ ngħad, kien fl-interess tagħhom stess li Peter Vella jkun parti f’din il-kawża. Għalhekk, dan ma għandu jkun tal-ebda xkiel għal din il-Qorti biex tgħaddi għas-sentenza tagħha;

**Dwar il-ħtieġa li r-Reġistraturi tal-Qrati Ċivili u Tribunali ta’ Malta u ta’ Għawdex ikunu parti minn din il-kawża**

31. Loraine Attard, fin-nota ta’ sottomissjonijiet tagħha, ilmentat mill-mod ta’ kif saret l-estromissjoni ta’ dawn iż-żewġ partijiet u tgħid li hi m’għandhiex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż inutili li saru biex dawn iż-żewġ intimati jkunu parti mill-kawża;

32. Għalkemm fil-fehma tal-esponent kien ikun aktar għaqli li kieku din il-Qorti ddikjarat li dawn iż-żewġ intimati mhumiex il-leġittimi kontradditturi għal din il-kawża fis-sentenza finali tagħha, fl-aħħar mill-aħħar din il-Qorti għamlet sew li ordnat l-estromissjoni tagħhom, u dan għas-segwenti raġunijiet;

33. Huwa prinċipju miżmum fil-ġurisprudenza, li r-reġistratur tal-qrati m’għandux ir-rappreżentanza tal-qrati u hu mhuwiex il-persuna leġittima biex joqgħod f’kawża fejn ikun qed jiġi mixli li seħħ nuqqas waqt proċeduri

ġudizzjarji (ara inter alia **Carmelo sive Charles Delia et vs Reġistratur tal-Qrati et**, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' April, 1990, **Mark Lombardo vs Kunsill Lokali Fgura et**, maqtugħa mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Ottubru, 2005 u **Anthony Bugeja vs Avukat Ġenerali et**, maqtugħa wkoll mill-Qorti Kostitizzjonali iżda fit-3 ta' Frar, 2014);

34. Huwa wkoll maqbul fil-ġurisprudenza li meta xi ħadd ikun qiegħed jattakka s-siwi ta' proċeduri ġudizzjarji jew kważi-ġudizzjarji, l-uniċi partijiet li għandhom jitħarrku huma dawk li kienu f'dawk il-proċeduri li qegħdin jiġu attakkati u mistħarrġa (ara inter alia **Alfred Pisani et v. Joseph Borġ Bartolo**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Jannar, 1993 u **Go p.l.c. v. Camline Internet Services Limited et**, maqtugħa mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-20 ta' Jannar, 2015);

35. Fis-sentenza fl-ismijiet **Pierre Falzon et vs Francis Mamo et**, li ġiet mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Lulju 2021, il-Qorti ġabet l-eżempju ta' azzjonijiet ta' ritrattazzjoni u ta' azzjonijiet ta' revoki ta' mandati eżekuttivi u nnutat li l-partijiet f'dawn il-kawżi dejjem għandhom ikunu biss dawk li kienu involuti fil-proċeduri ġudizzjarji li jkunu qegħdin jiġu attakkati;

36. Sewwasew fil-każ tagħna, iż-żewġ Reġistraturi tal-Qrati Ċivili u Tribunali ma kienu qatt parti fil-proċeduri ta' filjazzjoni mibdija minn Peter Vella u għalhekk ma kien hemm l-ebda ħtieġa li dawn jiġi mħarrkin fil-kawża tal-lum. Isegwi għalhekk, li l-ispejjeż relatati mal-inklużjoni ta' dawn iż-żewġ intimati f'din il-kawża għandha tbatihom biss ir-rikorrenti Loraine Attard;

**Dwar l-ewwel żewġ t-talbiet tar-rikorrenti: it-talbiet għall-ħruġ ta' miżuri temporanji**

37. L-esponent jitlaq billi jagħmel referenza għal dak li kkunsidrat **Karen Reid** fil-ktieb tagħha *"A Practitioners' Guide to the European Convention on Human Rights"* (2019) f'paġna 20, fejn issostni:

> "*As a general practice, measures (*riferibbilment għal *interim relief*) ***<u>are applied only where there is an apparent real and imminent risk of irreparable harm to life and limb</u>*** *... While the procedure has been invoked in respect of other types of cases e.g. adoption of children, which may arguably be of an irreparable nature,* ***<u>r.39</u>*** (riferribbilment għal Regolament 39 tar-Regoli tal-Qorti Ewropea għad-Drittjiet tal-Bniedem) ***<u>has not been applied save in a few exceptional cases.</u>****"* (enfasi tal-esponent);

38. Din l-Onorabbli Qorti, kif diversament presjeduta, fid-digriet tagħha mogħti fid-9 ta' Ġunju 2016 fl-atti tal-kawża fl-ismijiet **<u>Rosette Thake et vs Prim Ministru et</u>** (Rikors Numru: 50/2016/1 JRM), osservat li:

> *"biex jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ prima facie ta' ksur ta' jedd fundamentali u li* ***<u>n-nuqqas tal-għoti tal-miżura provviżorja serja ġġib ħsara li ma titreġġax lura fil-każ tiegħu.</u>***
>
> *"Minħabba f'hekk,* ***<u>l-għoti ta' provvediment provviżorju f'kawża ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali jitlob li jintwerew ċirkostanzi eċċezzjonali li jagħmluh meħtieġ</u>*** *- ara Daniel Alexander Holmes vs Avukat Ġenerali et – digriet P.A. kostit. AE 16.04.2014"* (enfasi miżjud);

39. Dwar din il-materja ġie ritenut mill-awturi van Dijk, van Hoof, van Rijn, u Zwaak fil-ktieb *"Theory and Practice of the European Convention on Human Rights"* (ir-Raba' Edizzjoni, 2006), li:

> *"... it is only in cases of extreme urgency that interim measures are indicated:* ***<u>the facts must prima facie point to a violation of the Convention, and the omission to take the proposed measures must result or threaten to result in irreparable injury to certain vital interests of the parties</u>*** *or the progress of the examination. ... such would be the case, for instance, if an expulsion threatens to constitute a violation of article 3 of the Convention, in view of a serious risk that the person concerned will be exposed to torture or inhuman treatment or punishment. In that case a stay of expulsion may be requested until the Court has had the opportunity to investigate the case. However, it will do so only if there is a <u>high degree of probability</u> that a violation of article 3 is likely to occur. This requires that the applicant states his case in a convincing manner and possibly also presents some evidence showing the danger to life or limb to which he may be subjected if expelled or extradited to a particular country. It is not sufficient for the applicant to provide information about the danger or uncertain situation in the country of destination and/or his being an opponent of the ruling Government."* (enfasi miżjud);

40. Dawn l-istess prinċipji ġew imħaddna wkoll mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tad-9 ta' Jannar 2017 fl-ismijiet: **<u>Angelo Frank Paul Spiteri vs l-Avukat Ġenerali</u>**, fejn intqal:

*"Fl-ewwel lok jigi ribadit minn din il-Qorti li f'materja tal-hekk imsejha interim measures huwa car l-insenjament ta' din il-Qorti li tali mizuri ghandhom jittiehdu biss f'kazijiet ta' urgenza u sahansitra f'kazijiet ta' "urgenza estrema" fejn in-**nuqqas ta' tehid ta' tali mizuri jirrizulta, jew jazzarda li jirrizulta, fi hsara irreparabbli ghall-interessi vitali tal-parti koncernata** jew ghall-perkors tal-ezami li l-Qorti jkun jehtigilha taghmel. Din il-Qorti rriteniet ukoll li **mizuri ad interim huma indikati f'kazijiet ecezzjonali**. [Q. Kost. **Federation of Estate Agents v. Direttur Generali Kompetizzjoni**, deciza 25 ta' Settembru, 2014]."* (enfasi tal-esponent);

41. Kif diġa' ġie spjegat aktar 'il fuq, il-miżuri temporanji li ġew mitluba minn Loraine Attard fir-rikors promotur tagħha ntlaqgħu b'mod provviżorju sal-ewwel udjenza li nstemgħet f'din il-kawża, u ċioe' sas-26 ta' Jannar 2021. Wara dik l-udjenza din l-Onorabbli Qorti ma tat l-ebda ordni li permezz tiegħu prorogat l-effetti ta' dawn il-miżuri u għalhekk fil-ġurnata preżenti dawn m'għadhomx fis-seħħ;

42. Kif ingħad fis-sentenzi u fis-siltiet hawn fuq ċitati, biex din il-Qorti tilqa' t-talbiet ta' Loraine Attard għal ħruġ ta' miżuri temporanji, din tal-aħħar kellha tipprova li bit-tkomplija tas-smigħ tal-kawża ta' filjazzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) u kif ukoll bl-eventwali ordni tal-istess Qorti sabiex isiru t-testijiet xjentifiċi tad-DNA, kemm ir-rikorrenti u kif ukoll bintha minuri kienet sejra ssirilhom ħsara reali, imminenti u rriparabbli fuq il-ħajja u l-persuna tagħhom;

43. Ir-rikorrenti Loraine Attard baqgħet ma ġabet l-ebda prova bħal din u lanqas spjegat xi preġudizzju sejrin iġarrbu hi u bintha minuri jekk

eventwalment isiru t-testijiet tad-DNA. Kien jinkombi fuq ir-rikorrenti li tressaq il-prova li dan il-każ huwa wieħed ta' natura eċċezzjonali u li għalhekk hemm il-ħtieġa għall-ħruġ ta' dawn il-miżuri, iżda dan ir-rikorrenti naqset milli tagħmlu. Min-naħa tiegħu l-esponent jissottometti li ma sejra ssir l-ebda ħsara rrimedjabbli fuq il-ħajja u l-persuna tar-rikorrenti u tal-minuri, kemm jekk il-kawża ta' filjazzjoni tibqa' tinstema' u kif ukoll jekk il-minuri Maya Attard tiġi assoġġetta għat-test ta' DNA. Jekk eventwalment jiġi ordnat, dan it-test sejjer isir biss fuq Maya Attard u Peter Vella u għalhekk ir-rikorrenti Loraine Attard ċertament ma tistax tallega li hija sejra ġġarrab xi ħsara fuq il-persuna tagħha. Barra minn hekk, dan it-test xjentifiku jinvolvi biss it-teħid ta' kampjun tal-bżieq mingħand il-minuri Maya Attard u mingħand Peter Vella u għalhekk lanqas jista' jingħad li b'dan sejra ssir xi ħsara rriparabbli fuq il-persuna u l-ħajja tal-minuri;

44. Ta' min iżomm quddiem għajnejh li fil-passat riċenti l-Qorti Kostituzzjonali rrifjutat li tagħti rimedju provviżorju biex ġuri kriminali jiġi sospiż sakemm tinqata' l-kawża kostituzzjonali (ara f'dan is-sens is-sentenzi fl-ismijiet: **Joseph Camilleri vs Avukat Ġenerali**, mogħtija fl-1 ta' Lulju 2013 u **Rosario sive Sario Sultana vs Avukat Ġenerali et**, deċiża fis-27 ta' Frar 2017). Terġa u tgħid, l-istess Qorti f'sitwazzjoni oħra ma laqgħetx talba għal miżura temporanja sabiex jiġi sospiż ordni ta' tneħħija minħabba li l-Qorti dehrilha li r-rikorrent ma kien ressaq l-ebda xrara ta' prova, lanqas mad-daqqa t'għajn, li huwa kien sejjer iġarrab xi preġudizzju jekk jintbagħat lura lejn il-pajjiż tan-nisel tiegħu (ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Stephen Nana Owusu vs Kummissarju tal-Pulizija bħala Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni et**, li ġiet mogħtija fit-13 ta' April 2018);

45. Bil-ħiena jingħad, jekk f'dawn il-każijiet ma ntlaqgħux it-talbiet għal ħruġ ta' miżuri provviżorji, kemm aktar u aktar m'għandhomx jintlaqgħu t-

talbiet għall-ħruġ ta' miżuri temporanji li saru fil-kawża li għandna quddiemna llum? Huwa evidenti li f'dan il-każ m'hemmx ċirkostanzi daqshekk gravi u eċċezzjonali li jxaqilbu favur il-ħruġ tal-miżuri temporanji u għalhekk fl-umli fehma tal-esponent dawn it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda;

46. Kif ġie spjegat aktar 'il fuq, din l-Onorabbli Qorti, waqt l-udjenza tas-26 ta' Jannar 2021, ordnat l-allegazzjoni tal-proċess tal-kawża ta' filjazzjoni li qiegħda pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex). Dan ikun ifisser li f'każ li din l-Onorabbli Qorti taqbel mas-sottomissjonijet tal-esponent u tgħaddi biex tiċħad dawn it-talbiet tar-rikorrenti, u f'każ li jsir appell mis-sentenza ta' din il-Qorti, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) xorta waħda mhijiex sejra tkun tista' tkompli tisma' l-kawża li hemm pendenti quddiemha għaliex l-istess Qorti sejra tkun sprovvista mill-proċess tal-kawża. Għalhekk, f'każ li dan iseħħ, l-esponent qiegħed umilment jitlob lil din il-Qorti sabiex tagħti l-ordnijiet kollha neċessarji biex mal-pronunzjament tas-sentenza ta' din il-Qorti, il-proċess rigwardanti l-kawża ta' filjazzjoni jiġi ritornat lill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) sabiex din tal-aħħar tkun tista' tkompli bis-smigħ tal-kawża li hemm pendenti quddiemha;

**<u>Dwar l-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni li ġie invokat mir-rikorrenti</u>**

47. Ir-rikorrenti Loraine Attard qiegħda tilmenta li hija u bintha minuri qegħdin iġarrbu ksur tad-dritt għall-ħajja privata u għall-familja, hekk kif protett mill-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

48. Fl-umli fehma tal-esponent ikun opportun li f'dan l-istadju jiġi determinat x'inhija l-kompetenza ta' din il-Qorti meta jkollha quddiemha tilwima kostituzzjonali;

49. L-artikolu 46, sub-inċiż (2) tal-Kostituzzjoni tagħna jaqra kif ġej:

> *"Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha* ***ġurisdizzjoni oriġinali*** *li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista'* ***tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin)*** *li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna"* (enfasi miżjud);

50. Minn dan l-artikolu jirriżulta ferm ċar li l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili hija marbuta tiddeċiedi fuq pretensjonijiet ta' lezjonijiet li jaqgħu taħt xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-artikoli 33 sa 45 (magħdudin) tal-Kostituzzjoni;

51. Sfortunatament għar-rikorrenti, l-artikolu 32 huwa eskluż mill-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni, liema artikolu jipprovdi għall-possibilità ta' dritt ta' azzjoni imsejsa fuq ksur ta' drittijiet fundamentali a tenur biss tal-artikoli 33 sa 45. L-artikolu 32 huwa kkunsidrat biss bħala artikolu introduttiv għal-lista ta' Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem mogħtija fil-Kostituzzjoni. Dan l-artikolu huwa wieħed dikjaratorju u mhux intiż sabiex jiġi invokat bhala dritt fundamentali *per se*. Għaldaqstant, jingħad bla taqliq, li l-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ma jagħtix jedd sostantiv ta' ħarsien għall-ilmenti tar-rikorrenti, iżda huwa biss dikjarazzjoni ta' prinċipju (ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet: **Fl-atti tar-Referenza Kostituzzjonali tal-5 ta' Novembru 2020, magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti tal-Minorenni fl-atti tal-kawża fl-ismijiet:- Direttur għal Ħarsien tal-Minuri vs Doreen Debono u Joseph Azzopardi**, mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fl-10 ta' Diċembru 2020);

52. Il-ġurisprudenza dwar dan il-punt hija waħda kopjuża. L-esponent jagħmel referenza għal sentenza riċenti fl-ismijiet **<u>Patrick Ciantar et vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku et</u>** (Rik. Kost. 70/2018 JRM) mogħtija fid-29 ta' Ottubru 2020 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fejn ġie ritenut li:

> *"safejn l-ilment tar-rikorrenti jissejjes fuq ksur taħt l-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni, għandu jingħad li, għalkemm l-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni jagħmel parti mill-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni, ma jistax jingħad li fih innifsu jħares xi jedd speċifiku: huwa artikolu li "jelenka d-drittijiet u libertajiet fondamentali ta' l-individwu protetti mill-Kostituzzjoni ... u jagħmel riferenza għal-limitazzjonijiet ta' dik il-protezzjoni kif jinsabu f'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Kostituzzjoni" [Kost.* ***30.11.1977*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Dr Walter Cuschieri et vs Onor. Prim Ministru****; u P.A. Kost.* ***14.5.2015*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Bernard Gauċi pro et noe vs Kummissarju tal-Artijiet et*** *(konfermata mill-Q. Kost. fid-***19.4.2016***)]. Fil-fehma tal-Qorti, dan ifisser li l-imsemmi artikolu huwa tabilħaqq dikjarazzjoni ta' prinċipji imma mhuwiex esegwibbli bħala dispożizzjoni li tagħti ħarsien ta' jedd speċifiku kif jissemma fl-artikoli l-oħrajn ta' warajh u li jagħmlu mill-istess Kapitolu IV. Dan huwa l-qofol tal-ewwel eċċezzjoni tal-intimati [fis-sens li "l-artikoli 32 [...] tal-Kostituzzjoni mhumiex fost dawk l-artikoli li jagħtu jedd ta' azzjoni quddiem qorti b'setgħat kostituzzjonali."], u l-Qorti tqis li għandha mis-sewwa għaldaqstant sejra tilqagħha";*

53. L-istess konklużjoni ġiet raġġunta mill-Prim'Awla, Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **<u>Benjamin Testa et vs. Avukat Ġenerali et</u>** (Rik. Kost. 56/2018 JZM), deċiża fit-30 ta' Mejju 2019,

fejn l-istess Qorti kkwotat mis-sentenza **Josephine Bugeja vs. Avukat Ġenerali** (Rik. Kost. 1/2002) li ġiet deċiża fit-3 t'Ottubru 2008. F'din is-sentenza ngħad hekk:

> *"[...] Dan l-artikolu [b'referenza ghall-*Artikolu 32*] hu pero` wiehed dikjaratorju [...] L-artikolu 32 li jiddikjara d-dritt ghall-proprjeta` b`mod generali ma hux "ut sic" enforzabbli f`xi Qorti. Infatti s-subinciz 1 tal-artikolu 46 jipprovdi illi jaghti biss lok ghar-rikors quddiem il-Qorti Kostituzzjonali u jista` biss jintalab rimedju ghalihom il-kazijiet ta` vjolazzjonijiet taht l-artikoli 33 sa 45."*;

54. Fid-dawl tad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni, kif riaffermat mill-ġurisprudenza lokali, l-esponent jissottometti li l-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ma jagħtix lir-rikorrenti jedd eżegwibbli biex jirrimedja l-ilmenti ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali minnha allegati. Għalhekk, ma jistax jinstab li hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti Loraine Attard u tal-minuri Maya Attard taħt dan l-artikolu tal-Kostituzzjoni;

**<u>Dwar il-liġi li tirregola l-filjazzjoni tal-ulied u s-setgħa tal-Qorti ordinarja sabiex tordna li jsir it-test xjentifiku tad-DNA</u>**

55. Jingħad minnufih li r-rikorrenti Loriane Attard m'għandhiex raġun meta tgħid li l-kawża ta' filjazzjoni li qiegħda tinstema' quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) hija msejsa fuq artikoli żbaljati tal-liġi u għalhekk ma tistax tirnexxi;

56. Kif ġie spjegat aktar 'il fuq, il-minuri Maya Attard twieldet fil-25 ta' Awwissu 2012 waqt iż-żwieġ bejn Francis Saliba u r-rikorrenti Loraine Attard. Sussegwentement, Francis Saliba fetaħ kawża ta' *denegata paternita'* kontra Loraine Attard u l-minuri, u kiseb dikarazzjoni li mhuwiex il-missier bijoloġiku ta' Maya Attard. Konsegwentement, iċ-ċertifikat tat-

twelid tal-minuri Maya Attard illum il-ġurnata jgħid li missierha mhuwiex magħruf;

57. Aktar tard, fis-sena 2019, Peter Vella fetaħ il-kawża ta' filjazzjoni inkwistjoni sabiex jirrikonoxxi lil Maya Attard bħala bintu. Huwa sejjes din il-kawża fuq l-artikolu 86 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu jinsab taħt is-sub-titolu tal-liġi li jirregola l-filjazzjoni tal-ulied imnissla u mwielda barra miż-żwieġ;

58. Min-naħa tagħha, Loraine Attard tikkontendi li din il-kawża nfetħet ħażin għaliex skontha, bintha minuri, għalkemm ma tweldítx miż-żwieġ tagħha ma' Francis Saliba, hija ġiet imwielda fiż-żwieġ tagħha mal-istess Francis Saliba. Hija targumenta li bħalissa għad hemm viġenti l-presunzjoni *juris tantum* maħluqa skont l-artikolu 67 tal-Kapitolu 16, li bintha ġiet imissla u mwielda matul iż-żwieġ tagħha ma' Francis Attard;

59. Bid-dovut rispett, jingħad mingħjar tlaqliq li r-rikorrenti hija skorretta għall-aħħar meta tinvoka dan l-artikolu għaliex il-presunzjoni msemmija minnha ġiet miksura permezz tas-sentenza pronunzjata fit-3 ta' Lulju 2013, fejn fil-fatt ġie dikjarat li Francis Saliba mhumiex missier il-minuri Maya Attard. **Il-konsegwenza loġika għal dan hija li l-minuri fil-fatt ġiet imwielda barra miż-żwieġ u mhux fiż-żwieġ**;

60. Ir-rikorrenti Loraine Attard tikkontendi li l-kawża ta' Peter Vella nfetħet ħażin għaliex skont l-istess rikorrenti Peter Vella kellu jsejjes il-kawża fuq id-dispożizzjoniet tal-liġi li jinsabu taħt is-sub-titolu tal-Kapitolu 16 li jirregola l-filjazzjoni tal-ulied imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ. Hija tgħid ukoll li l-kawża ma saritx fi żmien sitt xhur mit-twelid tal-minuri hekk kif stipulat fl-artikolu 77Ċ tal-Kapitolu 16, u b'hekk, ladarba ma ntalbitx l-

awtorizzazzjoni tal-Qorti biex issir il-kawża, il-kawża ta' Peter Vella ma tistax tirnexxi;

61. Fl-ewwel lok, l-esponent jissottometti li l-argument tar-rikorrenti m'għandux mis-sewwa għaliex li kieku Peter Vella pproċeda skont kif qiegħda tgħid ir-rikorrenti, u bbaża l-kawża tiegħu fuq l-artikolu 77A tal-Kapitolu 16, huwa kien sejjer ikun obbligat li jħarrek fil-kawża lil Loraine Attard, Francis Saliba u Maya Attard. L-artikolu 77A huwa ċar u jgħid li dak il-ġenitur li jallega li huwa l-missier naturali ta' wild imwieled fiż-żwieġ għandu jiftaħ il-kawża għal dikjarazzjoni ta' parentela kontra l-konjuġi li wiled (l-omm), il-konjuġi l-ieħor u l-wild;

62. Meta tinfetaħ kawża ta' *denegata paternita'* u riċerka paternita' skont l-artikolu 77A tal-Kapitolu 16, it-talbiet tal-attur ikunu jikkonsistu fis-segwenti: (1) li l-konjuġi ta' omm il-wild jiġi dikjarat li mhuwiex il-missier naturali tal-minuri; (2) li l-attur jiġi dikjarat li huwa l-missier naturali tal-wild; u (3) li jsir it-tibdil relattiv fuq l-att tat-twelid. Jiġi b'hekk, illi li kieku Peter Vella pproċeda skont kif qiegħda tgħid ir-rikorrenti, huwa kien sejjer ikun ressaq talba li diġa' għaddhiet in ġudikat għaliex fil-fatt Francis Saliba diġa' ġie dikjarat li mhuwiex il-missier naturali tal-minuri Maya Attard. Isegwi allura li ma kienx jagħmel sens għal Peter Vella li jipproċedi kif qiegħda tikkontendi r-rikorrenti Loraine Attard;

63. Biex issaħħaħ l-argument tagħha, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha Loraine Attard tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Khaled Shehata vs Isabelle Ruggier pro et noe et**, li ġiet deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Novembru 2017. Madankollu, l-esponenti jirrileva li din is-sentenza aktar taħdem kontra r-rikorrenti milli fil-fatt tgħin il-każ tagħha. F'din is-sentenza, li tikkonċerna kawża ta' riċerka paternita' mibdija mill-allegat missier kontra l-omm u bintha li missierha ma kienx magħruf, il-Qorti tal-Appell għallmet dan li ġej:

*"Huwa evidenti illi l-ewwel Qorti interpretat tajjeb il-kwalita` ta' azzjoni li kellha quddiemha. Il-partijiet ma humiex mizzewgin u 'l ulied huma frott ta' relazzjoni extra konjugali li kellhom. Ghalhekk il-provvedimenti tal-Artikoli 77 et sequitur assolutament ma japplikawx ghall-kaz in ezami. Tant huwa hekk li dawn l-artikoli huma taht is-sub titolu intitolat FUQ IL-FILJAZZJONI TAL-ULIED IMNISSLA JEW IMWIELDA <u>MATUL IŻ-ŻWIEĠ</u>. (sottolinear ta' din il-Qorti).*

*Il-partijiet kif inghad* **mhux mizzewgin** *u ghalhekk il-Qorti ma tistax tifhem kif l-appellanti ostinatament tibqa' ssostni din l-eccezzjoni taghha. Certament ma tistax tinterpreta l-kliem matul iz-zwieg li jinkludu lill-appellat ghaliex dan mizzewweg lil haddiehor! Il-kliem imsemmija indubbjament japplikaw meta l-partijiet fil-kawza jkunu mizzewgin lil xulxin u ma jistax ikun hemm interpretazzjoni ohra ghal dan il-kliem. Infatti l-Artikolu 86 li ai termini tieghu giet istitwita l-kawza, jaqa' taht is-sub titolu msemmi FUQ IL-FILJAZZJONI TAL-ULIED IMNISSLA U MWIELDA BARRA MIŻ-ŻWIEĠ – kif appuntu huma l'ulied li dwarhom saret il-kawza. Kif sewwa eccepixxa l-appellat fir-risposta tieghu ghall-appell, is-sentenzi citati mill-appellanti fir-rikors taghha ma japplikaw b'ebda mod ghal din il-kawza ghaliex huma bejn partijiet li kienu mizzewgin. Is-sentenza* **Thompson v. Spiteri** *(Appell, 31 ta' Ottubru 2007) m'hijiex simili ghal din ghaliex hemmhekk l-attur attakka l-legittimita` tal-minuri u ghalhekk kellu jipprova li r-ragel tal-konvenuta kien fl-impossibilita` fizika li jkun il-missier tieghu –* **<u>fil-kaz odjern il-minuri huma imnizzlin fic-certifikat tat-twelid bhala wlied missier mhux maghruf u</u>**

***ghalhekk l-attur appellat ma ghandux ghalfejn jaghmel din il-prova.***

*L-aggravji msemmija ghalhekk huma michuda."* (enfasi miżjud mill-esponent);

64. L-esponent jirrimarka li ma hemm xejn neboluż f'din is-sentenza, kuntrarjament għal dak li qiegħda tipprova timplika r-rikorrenti. Anzi, il-pronunzjament mogħti mill-Qorti tal-Appell huwa wieħed ċarissimu. Fil-każ tal-lum, bħal fil-każ ta' **Shehata vs Ruggier et**, fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri Maya Attard, il-missier huwa ndikat bħala "mhux magħruf", u għaldaqstant Peter Vella ma kienx jeħtieġlu jattakka l-leġittimita' tal-minuri. Kulma jeħtieġlu jagħmel Peter Vella fil-kawża tiegħu huwa li jipprova li huwa l-missier naturali tal-minuri Maya Attard għaliex kif ingħad aktar 'il fuq, diġa' ġie pronunzjat b'sentenza tal-Qorti li Francis Saliba mhuwiex il-missier naturali ta' Maya Attard. Għalhekk, ir-rikorrenti Loraine Attard ma tistax issib solljev f'din is-sentenza biex issostni l-argument tagħha li l-proċedura mnedija minn Peter Vella hija skorretta u b'hekk sejra tfalli;

65. Fit-tieni lok, l-esponent jagħmel referenza għall-artikolu 77Ċ tal-Kapitolu 16. Dan l-artikolu jaqra hekk:

*"**Fil-każijiet imsemmija fl-artikoli 77, 77A u 77B** il-persuna li tgħid li hija l-ġenitur naturali tal-wild imwieled fiż-żwieġ, jew il-konjuġi li wiled skont il-każ, jistgħu jipproċedu b'kawża għal dikjarazzjoni li persuna huwa l-ġenitur jekk huma jressqu r-rikors ġuramentat tagħhom fi żmien sitt xhur mit-twelid tal-wild:*

*Iżda l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tista', wara li jsir rikors ġuramentat mill-persuna li tgħid li hija l-ġenitur naturali tal-wild imwieled fiż-żwieġ jew il-konjuġi li wiled u, jekk ikun possibbli wara li tkun semgħet lill-partijiet interessati kollha, u wara li tkun qieset id-drittijiet tar-*

*rikorrenti u tal-wild, f'kull żmien tawtorizza lill-persuna li tgħid li hija l-ġenitur naturali tal-wild imwieled fiż-żwieġ jew il-konjuġi li wiled biex jibdew kawża għal dikjarazzjoni li persuna huwa ġenitur kif imsemmi fl-artikoli 77A u 77B"* (enfasi tal-esponent);

66. Jirriżulta minn dan l-artikolu li t-terminu ta' sitt xhur sabiex issir kawża ta' filjazzjoni japplika biss għaċ-ċirkostanzi misjuba fl-artikoli 77, 77A u 77B tal-Kapitolu 16. Infatti, għal azzjoni mibdija skont l-artikolu 86 tal-Kapitolu 16, hekk kif hija dik proposta minn Peter Vella, il-liġi ma timponi l-ebda terminu. Għalhekk, l-argument ta' Loraine Attard li l-kawża mressqa minn Peter Vella hija suġġetta għall-artikolu 77Ċ tal-Kapitolu 16 ma jreġix. Jiġi b'hekk li l-argument ta' Loraine Attard fejn hija ssostni li l-kawża ta' filjazzjoni mibdija minn Peter Vella hija destinata li tfalli, ma jista' jirrendi l-ebda frott;

67. L-esponent jissottometti li r-rikorrenti Loraine Attard lanqas hija korretta fl-interpretazzjoni tagħha tal-liġi applikabbli għat-teħid tal-kampjuni ġenetiċi sabiex isir it-test tad-DNA. Min-naħa tagħha Loraine Attard tikkontendi li l-Qorti ordinarja għandha biss is-setgħa li tistieden lill-partijiet konċernanti sabiex jissottomettu ruħhom għall-eżami tad-DNA iżda m'għandha l-ebda setgħa li tordnalhom biex jagħmlu dan;

68. F'dan ir-rigward l-esponent jagħmel referenza għall-artikolu 100A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid li fil-kawża ta' filjazzjoni dwar ulied imnissla u mwielda barra miż-żwieġ, il-qorti tista' teħtieġ lill-partijiet biex jissottomettu għal eżamijiet kif imsemmija fl-artikolu 70A, u fl-istess mod u fl-istess ċirkostanzi. Skont is-sub-inċiż (2) tal-artikolu 70A, il-Qorti ordinarja tista' teħtieġ lill-partijiet ikkonċernati sabiex jagħtu l-kunsens tagħhom għal test ġenetiku dwar il-parentela u li jaċċettaw li jitteħdilhom kampjun ġenetiku xieraq sabiex ikun jista' jsir it-test. Dan jista' jagħti

x'jifhem li rrispettivament minn dak li tordna l-Qorti, il-kwistjoni dwar jekk isirx it-test tad-DNA jew le, jiddependi interament mill-kunsens tal-partijiet;

69. Madankollu, il-liġi ma tiqafx hawn. Wieħed jeħtieġlu jżomm quddiem għajnejh ukoll dak li jistipula l-*proviso* għas-sub-inċiż (2) ta' dan l-artikolu. Dan il-*proviso* jagħmilha ċara li fejn l-imsemmi kunsens ma jingħatax mill-partijiet, il-Qorti ordinarja għandha tissostitwixxi dak il-kunsens li ma jkunx ngħata mill-partijiet u tordna li jittieħed il-kampjun neċessarju;

70. B'hekk, dan il-*proviso* jirrendi bħala għal kollox insostenibbli s-sottomissjoni ta' Loraine Attard li l-Qorti ordinarja tista' biss tistieden lill-partijiet biex jissottomettu ruħhom għall-eżami xjentifiku;

71. Fit-tmien u disa' paġna tan-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, Loraine Attard tagħmel ukoll is-sottomissjonijiet tagħha dwar l-artikolu 86A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u tgħid li azzjoni msejsa fuq dan l-artikolu tispetta biss lill-ġenitur li wiled, u ċioe' lill-omm. Għal dan l-esponent iwieġeb li l-kummenti ta' Loraine Attard dwar dan l-artikolu 86A huma għal kollox irrilevanti u barra minn lokhom għaliex mir-rikors promotur ta' Peter Vella jirriżulta b'mod mill-aktar ċar li huwa mhux qiegħed jibbaża l-kawża ta' filjazzjoni mibdija minnu fuq l-artikolu 86A iżda fil-fatt din qiegħda tiġi bbażata fuq l-artikolu 86 tal-Kapitolu 16. Għalhekk, l-argumenti kollha ta' Loraine Attard f'dan ir-rigward ma jreġux;

72. Wara kollox, fir-rigward tas-sottomissjonijiet kollha li tagħmel Loraine Attard dwar il-liġi sostantiva li tirregola l-filjazzjoni tal-ulied, huwa imperattiv li jingħad li din l-Onorabbli Qorti, kif hija komposta llum fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha, għandha tiddeklina milli tiddeċiedi dwar mertu li jaqa' għal kollox fil-kompetenza tal-Qrati ordinarji. Il-proċeduri kostituzzjonali mhumiex maħsuba biex jieħdu post proċeduri

ordinarji. Lanqas ma qegħdin hemm biex jagħmlu tajjeb għal nuqqasijiet imwettqa fl-eżerċizzju tar-rimedji ordinarji provduti fil-liġi domestika. Fl-aħħar mill-aħħar, ir-rikorrenti Loraine Attard għal fadlilha l-opportunita' li tappella mis-sentenza parzjali mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fit-23 ta' Novembru 2020 wara li tingħata s-sentenza finali fir-rigward tal-kawża ta' filjazzjoni;

73. Barra minn hekk, għandu jiġi spjegat li s-sentenza tat-23 ta' Novembru 2020 kienet qiegħda tindirizza t-tieni eċċezzjoni li ressqet Loraine Attard fil-kawża ta' filjazzjoni, u ċioe' l-eċċezzjoni tagħha li skont l-artikolu 77Ċ tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, il-kawża ta' filjazzjoni ma setgħetx tirnexxi peress li ma kinitx saret fi żmien sitt xhur mit-twelid tal-minuri;

74. Kif diġa' ġie spjegat aktar 'il fuq, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) iddeċidiet tajjeb li t-terminu tas-sitt xhur ma japplikax għal proċeduri mibdija skont l-artikolu 86 tal-Kapitolu 16;

75. Ikun utili wkoll li jiġi nnotat li l-eċċezzjoni li l-artikolu 86 ma japplikax għall-każ inkwistjoni, ingħatat minn Loraine Attard fil-kawża ta' filjazzjoni bħala s-seba' u l-aħħar eċċezzjoni tagħha. Jiġi b'hekk, li din l-eċċeżżjoni ma ġietx indikata bħala eċċezzjoni preliminari fir-risposta ġuramentata tagħha u għalhekk din għadha trid tiġi deċiża mas-sentenza finali. Għalhekk, fir-rigward ta' dan, jingħad li Loraine Attard għad fadlilha r-rimedji kollha għad-dispożizzjoni tagħha jekk hija beħsiebha timpunja l-proċedura li Peter Vella għażel li jutilizza biex jirrikonoxxi lil bintu. Wara kollox, kien nuqqas ta' Loraine Attard stess li għażlet li ma tindikax l-eċċezzjoni inkwistjoni bħala eċċezzjoni preliminari fir-risposta ġuramenta tagħha u għalhekk fiż-żgur hija ma tista' qatt tilmenta mill-fatt li l-eżami tad-DNA sejjer jiġi ordnat fi proċeduri li huma destinati li jfallu;

Ikkunsidrat:

L-ewwel żewġ talbiet huma sorvolati billi jikkonċernaw miżuri temporanji għal waqt il-kawża li permezz ta' din is-sentenza, ġiet fit-tmiem tagħha. Fi kwalunkwe każ dawn ġew diġa` indirizzati mill-Qorti waqt is-smigħ tal-kawża.

Ir-rikorrenti tressaq żewġ ilmenti:

L-ewwel: li l-ordni tal-Qorti tal-Maġistrati Għawdex (Ġurisidizzjoni tal-Familja) tal-11 ta' Diċembru 2020 fil-proċeduri fl-ismijiet Peter Vella v Loraine Attard et. bin-numru 11/2019 li jinħatar espert sabiex isiru l-eżamijiet xjentifiċi meħtieġa biex tiġi stabbilita l-paternita` tal-minuri Maya Attard jiksru d-drittijiet protetti mill-Art. 32 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Art. 8 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali.

It-tieni: li l-kuratur deputat maħtur biex jirrappreżenta lill-minuri fl-imsemmija proċedura naqas li jwettaq onestament u fedelment l-inkariku lilu mogħti u ħalhekk hemm ksur tas-smigħ xieraq protett mill-Art. 39 tal-Kostituzzjoni u Art. 6 tal-Konvenzjoni.

**L-ewwel ilment:**

Ir-rikorrenti tibbaża l-ewwel ilment fuq żewġ premessi:

- l-eżamijiet xjentifiċi ġew ordnati fi proċeduri li huma ddestinati li jfallu għaliex magħmula abbażi tal-Art. 86 tal-Kodiċi Ċivili applikabbli għal tfal imwielda barra miż-żwieġ u mhux għal Maya Attard li twieldet fiż-żwieġ.

- It-teħid tal-kampjuni msemmija jikkostitwixxi ndħil tad-dritt għall-ħajja privata u għalhekk għandu jsir biss skont il-liġi għal wieħed jew iktar mill-għanijiet imsemmija fl-Art. 8.

Art. 46(2) tal-Kostituzzjoni jagħti s-setgħa lil din il-Qorti sabiex tiddeċiedi dwar ksur tad-disposizzjonijiet tal-Art. 33 sa 35 tal-istess Kostituzzjoni. Artiklu 32 mhux inkluż fost dawn id-disposizzjonijiet; huwa dikjarazzjoni ta' prinċipji u bħala tali, ġie ddikjarat f'għadd ta' sentenzi minn din il-Qorti, sede kostituzzjonali (diversament ippreseduta[1]) li mhuwiex esegwibbli. Għalhekk in kwantu bbażat fuq l-art. 46(2) msemmi, l-ewwel ilment huwa bla bażi.

Ir-rikorrenti ma tat l-ebda ħjiel dwar kif l-eżami tad-DNA sejjer jippreġudika lilha jew lil bintha. Tgħid biss li sejjer jikxef fatti personali li mhumiex rilevanti għal dawn il-proċeduri. Ma tispjegax x'inhuma dawn il-fatti personali. Il-piż tal-prova ta' din l-allegazzjoni taqa' fuq spallejn ir-rikorrenti. Dan apparti li kull ma sejjer jikxef it-test huwa l-perċentwali ta' probabbilita` li Peter Vella huwa missier bijoloġiku tat-tifla. Informazzjoni li Lorraine Attard diġa` tat meta rrikonoxxiet li Peter Vella huwa missier il-minuri permezz tar-risposta tagħha għall-ittra uffiċjali li kien bagħtilha l-istess Peter Vella.

Apparti dan, mhux talli t-test tad-DNA jilledi l-ħajja privata tal-minorenni, talli huwa ta' benefiċċju għaliha, għaliex kull tarbija għandha dritt tkun taf min hu missierha, għal raġunijiet notorjament magħrufa ta' identita`, saħħa u drittijiet suċċessorji.

Din il-Qorti mhix kompetenti biex tiddeċiedi jekk il-kawża *de quo* tistax titmexxa abbażi tal-Art. 86 jew le. Jekk tagħmel hekk tkun qiegħdha tagħmilha ta' qorti tat-tieni istanza, li mhix il-funzjoni tagħha. Jekk il-Qorti tal-Maġistrati hix qiegħdha tinterpeta l-liġi b'mod korrett ma jfissirx li l-ordni tagħha *de quo*

[1] Benjamin Testa v Avukat Generali 30.05.2019 (Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon); Patrick Ciantar v Direttur tar-Reġistru Pubbliku 29.10.2020 (Onor. Imħ. J.R. Micallef); Direttur għall-Ħarsien tal-Minuri v Doreen Debono et 10.12.2020

mhix qiegħdha ssir skont il-liġi, għaliex hija maħruġa minn organu indipendenti u imparzjali tal-Istat – il-Qorti – waqt kawża ċivili fl-eżerċizzju leġittimu tal-podesta` ġudizzjali li tinterpreta u tapplika l-liġi.

Fl-aħħarnett dwar l-ewwel ilment, ir-rikorrenti għad għandha d-dritt li tappella mis-sentenza preliminari tal-Qorti tal-Maġistrati. Huwa abbuż tal-proċeduri kostituzzjonali li dawn isiru minkejja li jkun hemm rimedju ordinarju disponibbli, u, agħar minn hekk, biex jiġu jistultifikaw bla bżonn kawżi mismugħa mill-Qrati ordinarji.

**It-Tieni Lment:**

Ir-rikorrenti lanqas uriet li kien hemm xi nuqqas mill-kuratur tal-minuri, u wisq inqas li tali nuqqas wassal għall-ksur tas-smigħ xieraq. Quddiem il-Qorti ordinarja, ir-rikorrenti m'oġġezzjonatx għall-ħatra tal-avukat Mario Scerri bħala kuratur tal-minorenni, la meta nħatar u lanqas wara. Il-fatt li r-rikorrenti dehrilha li kellu joġġezzjona għat-test tad-DNA, jew li m'għamilx kuntatt dirett mal-minuri, ma jfissirx li ma qediex dmiru sewwa u wisq inqas li b'daqshekk il-minorenni ma ġietx rappreżentata tajjeb u li d-difiża tagħha ġiet ippreġudikata. Anzi, għall-kuntrarju, din il-Qorti ssib li l-kuratur manifestament aġixxa fl-aħjar interess tal-minorenni meta ma sabx oġġezzjoni li jsir it-test tad-DNA.

Apparti l-premess, ir-rikorrenti kellha u għad għandha l-jedd li titlob it-tneħħija tal-kuratur lill-Qorti ordinarja, u għalhekk mhux leċitu li taqbad u tiftaħ proċedura kostituzzjonali fir-rigward.

**Deċide:**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti qiegħdha tiċħad it-tielet, ir-raba', il-ħames, is-sitt u s-seba' talbiet tar-rikorrenti u tiddikjarahom frivoli u vessatorji għall-għanijiet tal-Art. 46(5) tal-Kostituzzjoni u l-Art. 4(5) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

Spejjeż a kariku tar-rikorrenti.

Moqrija.

ONOR IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA